32000L0058

L 244/78 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 29.9.2000

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISJONI 2000/58/KE

tat-22 ta' Settembru 2000

li temenda l-Annessi li jinsabu mad-Direttivi tal-Kunsill 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE dwar l-iffissar tal-livelli massimi tal-residwi tal-pestiċidi fi u fuq iċ-ċereali, l-għalf ta' l-oriġini mill-annimal u ċerti prodotti ta' l-oriġini mill-pjanti, inklużi rispettivament il-frott u l-ħxejjex

(Test b'rilevanza ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 86/362/KEE ta' l-24 ta' Lulju 1986 dwar l-iffissar tal-livelli massimi tar-residwi tal-pestiċidi fi u fuq iċ-ċereali ([1]), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2000/48/KE ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 86/363/KEE ta' l-24 ta' Lulju 1986 dwar l-iffissar tal-livelli massimi tar-residwi tal-pestiċidi fi u fuq l-għalf ta' l-oriġini mill-annimal ([3]), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/42/KE ([4]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE tas-27 ta' Novembru 1990 dwar l-iffissar tal-livelli massimi tar-residwi tal-pestiċidi fi u fuq ċerti prodotti ta' l-oriġini mill-pjanti inklużi l-frott u l-ħxejjex ([5]), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2001/57/KE ([6]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 dwar it-tqegħid ta' prodotti tal-protezzjoni tal-pjani fis-suq ([7]), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/10/KE ([8]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1)(f) tagħha,

Billi:

(1) Is-sustanza attiva ġdida, krexosim-methyl, kienet inkluża fl-Annes I tad-Direttiva 91/414/KEE bid-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/1/KE ([9]), għall-użu biss bħala fuġiċidi, minħajr ma tispeċifika l-kondizzjonijiet partikolari li għandhom impatt fuq l-uċuħ tar-raba' li jistgħu jkunu ttrattati bi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom krexosim-methyl.

(2) L-imsemmija inklużjoni fl-Anness I kienet ibbażata fuq estimi tat-tagħrif mibgħut dwar l-użu propost bħala fuġiċida fuq ċereali, frott pome (tip tat-tuffieħ) u dwieli. L-informazzjoni li tirrigwardja l-użu ieħor kienet mibgħuta minn ċerti Stati Membri skond il-ħtiġijiet ta' l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE. L-informazzjoni disponibbli kienet irreveduta u hija suffiċjenti biex ikunu stabbiliti ċerti livelli massimi tar-residwi.

(3) Meta ma jeżisti l-ebda livell massimu tal-Komunità tar-residwi jew MRL provviżjonali, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu livell nazzjonali provviżorju massimu ta' residwi bi qbil ma' l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE. L-informazzjoni disponibbli kienet irriveduta u hija suffiċjenti biex ikunu stabbiliti ċerti livelli massimi ta' residwi.

(4) Bl-inklużjoni fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE l-evalwazzjoni teknika u xjentifika ta' kresoxim methyl ġiet iffinalizzata fis-16 ta' Ottubru 1998 fil-format ta' rapport tal-Kummissjoni ta' reviżjoni għall-kresoxim methyl. F'dan ir-rapport ta' reviżjoni d-doża ta' kuljum (ADI) aċċettabbli għall-kresoxim methyl kienet iffissata bħala 0,4 mg/kg bw. L-esponiment tul il-medda tal-ħajja ta' konsumaturi ta' prodotti ta' l-ikel ittrattati bil-kresoxim methyl ġiet estimata u evalwata bi qbil mal-proċeduri u l-prattiċi użati fil-Komunità Ewropea, waqt li ngħata akkont tal-linji ta' gwida ppubblikati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-saħħa ([10]) u ġie kkalkolat li l-livell massimu ta' residwi stabbilit f'din id-Direttiva ma jagħtix lok li jinqabżu dawk ta' dan l-ADI.

(5) Effetti akuti tossiċi li jeħtieġu l-iffissar ta' doża akuta ta' referenza ma ġewx innotati matul l-evalwazzjoni u d-diskussjoni li pprečediet l-inklużjoni ta' kresoxim methyl fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE.

(6) Għal ċerti prodotti agrikoli l-kondizzjonijiet ta' l-użu għall-kresoxim methyl kienu diġà definiti b'mod li jippermetti l-istabbilar ta' livelli definittivi massimi ta' residwi.

(7) Biex ikun assigurat li l-konsumatur ikun protett kif xieraq mill-esponiment għar-residwi fi jew fuq il-prodotti li għalihom ma tkun ingħatat l-ebda awtorizzazzjoni, huwa prudenti li jkunu stabbiliti livelli proviżorji massimi ta' residwi fil-limitu l-aktar baxx ta' stabbillar analitiku għal dawk il-prodotti kollha koperti bid-Direttivi 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE. L-iffissar fil-livell tal-Komunità ta' livelli massimi proviżorji ta' residwi ma jżommux lill-Istati Membri milli jistabbilixxu livelli massimi proviżorji għall-residwi tal-kresoxim methyl bi qbil mal-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE u bi qbil mal-Anness VI tad-Direttiva 91/414/KEE b'mod partikolari l-Parti B, s-Sezzjoni 2.4.2.3 li tinsab ma' dan l-Anness. Erba' snin huma meqjusa bħala perjodu suffiċjenti ta' żmien li matulu għandu jkun stabbilit ħafna aktar użu għall-kresoxim methyl. Wara dak il-perjodu dawn il-livelli massimi proviżorji ta' residwi għandhom isiru definittivi;

([1]) ĠU L 221, tas-7.8.1986, p. 37.
([2]) ĠU L 197, tat-3.8.2000, p. 26.
([3]) ĠU L 221, tas-7.8.1986, p. 43.
([4]) ĠU L 158, tat-30.6.2000, p. 51.
([5]) ĠU L 350, ta' l-14.12.1990, p. 71.
([6]) Ara l-paġna 76 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
([7]) ĠU L 230, tad-19.8.1991, p. 1.
([8]) ĠU L 57, tat-2.3.2000, p. 28.
([9]) ĠU L 21, tat-28.1.1999, p. 21.

([10]) Il-linji ta' gwida biex titbassar id-doża tad-dieta mittiekla tar-residwi tal-pestiċidi (riveduta), imħejjija mill-GEMS/Programm ta' l-Ikel b'kollaborazzjoni mal-Kumitat Codex dwar ir-Residwi tal-Pestiċidi, ippublikati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa 1997 (WHO/FSF/FOS/97.7)

(8) L-imsieħba kummerċjali tal-Komunità kienu ġew ikkonsultati dwar il-livelli stabbiliti f'din id-Direttiva permezz ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u l-kummenti tagħhom dwar dawn il-livelli ġew ikkunsidrati. Il-possibbiltà li tkun stabbilita tolleranza dwar livelli massimi ta' l-importazzjoni tar-residwi għall-pestiċidi/kombinazzjonijiet ta' uċuħ tar-raba' speċifiċi għandha tiġi eżaminata mill-Kummisjoni fuq il-bażi tas-sottomissjonijiet ta' tagħrif aċċettabbli.

(9) L-opinjonijiet tal-Kumitat Xjentifiku għal-Pjanti, b'mod partikolari l-parir u r-rakkomandazzjonijiet li jikkonċernaw il-protezzjoni tal-konsumaturi ta' prodotti ta' l-ikel ittrattati bil-pestiċidi, kien ingħata akkont tagħhom.

(10) Din id-Direttiva hija bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

Dan li ġej għandu jiżdied mal-Parti A ta' l-Anness II tad-Direttiva 86/362/KEE:

Residwi tal-pestiċidi	Livell massimu f'mg/kg	
"Kresoxim Methyl	0,05 (*) (p)	ċereali

(*) Jindika l-limitu l-baxx ta' l-istabbillar analitiku.
(p) Jindika l-livell proviżorju massimu ta' residwi."

L-Artikolu 2

Dan li ġej għandu jiżdied mal-Parti ta' l-Anness II tad-Direttiva 86/363/KEE:

Residwi tal-pestiċidi	Livell massimu f'mg/kg	
"Kresoxim methyl (fdal 490M9 (1) għall-ħalib u 490 M 1 (2) għall-laħam, fwied, xaħam u kliewi espressi bħala kresoxim methyl)	0,05 (*) (p)	Ħalib
	0,02 (*) (p)	Laħam, fwied, xaħam
	0,05 (p)	Kliewi
Kresoxim methyl	0,02 (*) (p)	Bajd

(*) Jindika l-limitu l-baxx ta' l-istabbillar analitiku.
(p) Jindika l-livell proviżorju massimu tar-residwi.
(1) 490M9 = 2-[2-(4-hydroxy-2-methylphenoxymethyl)phenyl]-2-methoxyimino-aċidu aċetiku.
(2) 490M1 = 2-methoxyimino-2-[2-(otolyloxymethyl)phenyl]acetic acid."

L-Artikolu 3

Il-livelli massimi ta' residwi għall-kresoxim methyl fl-Anness ta' din id-Direttiva huma miżjuda ma' l-Anness II tad-Direttiva 90/642/KEE.

L-Artikolu 4

1. Meta l-livelli massimi ta' residwi għall-kresoxim methyl huma indikati bħala "(p)", dan ifisser li huma proviżorji (p) bi qbil mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE.

2. Erba' snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, il-livelli proviżorji massimi ta' residwi għall-kresoxim methyl fl-Annessi ma jibqgħux proviżorji u jsiru definittivi fis-sens ta' l-Artikolu 4(1) tad-Direttivi 86/362/KEE u 86/363/KEE jew l-Artikolu 3 tad-Direttiva 90/642/KEE rispettivament.

L-Artikolu 5

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum li jiġi wara dak li fih tkun ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sal-31 ta' Marzu 2001 l-aktar tard. Għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni dwar dan.

Għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' April 2001.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'dik ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir dik ir-referenza.

L-Artikolu 6

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, it-22 ta' Settembru 2000.

Għall-Kummissjoni
David BYRNE
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRL	Residwi tal-pestiċidi u livelli massimi tar-residwi
	Kresoxim methyl
1. **Frott, frisk, imnixxef jew mhux imsajjar, ippreżervat bl-iffriżar, li ma jkunx fih zokkor miżjud; ġewż**	
i) FROTT TAĊ-ĊITRU (Agrumi)	0,05 (P) (*)
Tronġiet	
Lumi	
Xkomp	
Mandolina (inklużi klementini jew ibridi oħra)	
Larinġ	
Pomelos	
Oħrajn	
ii) ĠEWŻ TAS-SIĠAR (imqaxxra jew le)	0,1 (P) (*)
Lewż	
Ġewż tal-Brażil	
Ġewż tal-kexju	
Qastan	
Ġewż ta' l-Indi	
Ġellewż	
Makadamia	
Peckni	
Ġews ta' l-Arżnu (prinjoli)	
Pistaċċi	
Ġewż	
Oħrajn	
iii) FROTT TIP TAT-TUFFIEĦ	0,2 (P)
Tuffieħ	
Lanġas	
Sfraġel	
Oħrajn	
iv) FROTT TA' L-GĦADMA	0,05 (P) (*)
Berquq	
Ċirasa	
Ħawħ (inklużi nuċiprisk u ibridi simili)	
Għanbaqar	
Oħrajn	
v) KUKKU U FROTT IRQIQ	
a) Għeneb tal-mejda u ta' l-inbid	1 (P)
Għeneb tal-mejda	
Għeneb ta' l-inbid	
b) Frawli (apparti minn selvaġġa)	0,05 (P) (*)
c) Frott tal-kannamieli (apparti minn selvaġġ)	0,05 (P) (*)
Ċawsli skura	
Dewberries	
Loganberries	
Ċawsli (lampone)	
Oħrajn	

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRL	Residwi tal-pestiċidi u livelli massimi tar-residwi
	Kresoxim methyl
d) Frott ieħor irqieq u kukku (apparti minn selvaġġ)	0,05 (P) (*)
Qerqnin	
Cranberries	
Passolina (ħamra, sewdau bajda)	
Ribes	
Oħrajn	
e) Kukku selvaġġi u frott selvaġġ	0,05 (P) (*)
vi) MIXXELLANJI	
Avokado	
Banana	
Tamal	
Tin	
Kiwi	
Kumkwat	
Litchis	
Mangi	
Żebbuġ	0,2 (P)
Frott tal-Passjoni	
Ananas	
Rummien	
Oħrajn	0,05 (P) (*)
2. **Ħxejjex, friski jew mhux imsajra, iffriżati jew imnixxfa**	
i) ĦXEJJEX BL-GĦERUQ U TUBERUŻI	0,05 (P) (*)
Pitravi	
Karrotti	
Krafes (ħoxnin)	
Ravanell	
Artiċokks	
Żunnarija bajda	
Għeruq tat-tursin	
Ravanell	
Salsafja	
Patata ħelwa	
Rapa Svediża	
Nevew	
Yam	
Oħrajn	
ii) ĦXEJJEX BIL-BASLA	0,05 (P) (*)
Tewm	
Basal	
Basal abjad	
Basal tal-qatta'	
Oħrajn	
iii) ĦXEJJEX LI JAGĦMLU L-FROTT	
a) Solanacea	
Tadam	0,5 (P)
Bżar	1 (P)
Brunġiel	0,5 (P)
Oħrajn	0,05 (P) (*)

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRL	Residwi tal-pestiċidi u livelli massimi tar-residwi
	Kresoxim methyl
b) Qara bil-qoxra li tittiekel	0,05 (P) (*)
Ħjar	
Ħjar żgħir	
Qara bagħli	
Oħrajn	
c) Qargħa bil-qoxra li ma tittikilx	0,2 (P)
Bettieħ	
Ilbieba tal-qara'	
Dulliegħ	
Oħrajn	
d) Qamħirrum	0,05 (P) (*)
iv) ĦXEJJEX TAL-BRASSIKA	0,05 (P) (*)
a) Brassika li tagħmel il-fjuri	
Brokkli	
Pastard	
Oħrajn	
b) Ras il-brassika	
Brussel sprouts	
Il-qalba tal-kaboċċa	
Oħrajn	
c) Brassika bil-weraq	
Kaboċċa Ċiniża	
Kaboċċi mfelfla	
Oħrajn	
d) Ġdur (kolrabi)	
v) ĦXEJJEX BIL-WERAQ U ĦWAWAR FRISKI	0,05 (P) (*)
a) Ħass u simili	
Krexxun	
Ħass tal-ħaruf	
Ħass	
Scarole	
Oħrajn	
b) Spinaċi u simili	
Spinaċi	
Weraq tal-pitravi (chard)	
Oħrajn	
c) Krexxun ta' l-ilma	
d) Witluf	
e) Ħwawar	
Maxxita	
Kurrat selvaġġ	
Tursin,	
Weraq tal-krafes	
Oħrajn	
vi) ĦXEJJEX TAL-LEGUMI (TA' L-IMWIEŻED) (friski)	0,05 (P) (*)
Fażola (bil-miżwed)	
Fażola (bla miżwed)	
Piżelli (bil-miżwed)	
Piżelli (bla miżwed)	
Oħrajn	

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRL	Residwi tal-pestiċidi u livelli massimi tar-residwi
	Kresoxim methyl
vii) ĦXEJJEX BIZ-ZOKK (friski)	0,05 (P) (*)
Sfarġ (asparagus)	
Karduni	
Krafes	
Busbież	
Qaqoċċ	
Kurrat	
Rebarbru	
Oħrajn	
viii) FAQQIEGĦ	0,05 (P) (*)
a) Faqqiegħ ikkoltivat	
b) Faqqiegħ selvaġġ	
3. **Ħaxix ta' l-imwieżed**	0,05 (P) (*)
Fażola	
Għads	
Piżelli	
Oħrajn	
4. **Żrieragħ taż-żejt**	0,1 (P) (*)
Kittien	
Karawett	
Żerriegħa tal-peprin	
Ġungħlien	
Żerriegħa tal-ġirasol	
Żeriegħa tar-ravanell	
Fażola tas-sojja	
Żerriegħa tal-mustarda	
Żerriegħa tal-qoton	
Oħrajn	
5. **Patata**	0,05 (P) (*)
Patata bikrija	
Patata mwaħħra	
6. **Tè** (weraq u zkuk niexfa, iffermentati jew xort'oħra, mill-weraq tal-Camellia sinensis)	0,1 (P) (*)
7. **Ħops** (imnixxef), inkluż boċċi tal-ħops u trab mhux ikkonċentrat	0,1 (P) (*)

(*) Jindika l-limitu l-baxx ta' l-istabbillar analitiku.
(P) Jindika l-livell proviżorju massimu tar-residwi.